**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-ERBGHA, 17 TA' OTTUBRU, 2001**

*Avviz. Nru 859/01 AJD*

Frank Borda Limited

vs

Jean u Vicky konjugi Camilleri

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Awissu, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sitta u tmenin liri Maltin (Lm286.00) rappresentanti tnejn u ghoxrin (22) kambjala skaduti u mhux imhallsa.
Bl-ispejjes, u bl-interessi mid-data rispettiva ta' kull kambjala, kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma deherux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Mary Grace Darmanin, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sitta u tmenin liri Maltin (Lm286.00) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR